


# L-Istandard tad-Deheb jagħlaq ħamsin sena

Conrad D'Amato - Segretarju Għaqda Storja u Kultura

Fil-ħarġa tal-programm tal-festa tas-sena l-oħra ktibt artiklu dwar L-Isqof Emmanuel Galea u l-konnessjoni li kellu ma' Birżebbuġa. Ovjament ma stajtx ma niktibx dwar ir-rabta li dan l-Isqof twajjeb kellu mal-Banda San Pietru. Kif wegħedkom fl-istess artiklu ta' sena ilu, din is-sena ħadt ħsieb sabiex nikteb dan l-artiklu dwar l-istandard hekk magħruf bħala "tad-deheb" li din is-sena jagħlaq ħamsin sena minn meta sar u ġie inawgurat mil-istess Isqof Emmanuele Galea.


L-Isqof Emmanuel Galea

Nixtieq nibda billi nsemmi li l-istorja ta' dan l-istandard tul is-snin bħal żvijat xi ftit mil-awtentiċita' tagħha, u għalhekk kien hemm xi ftit idejat żbaljati dwaru, fosthom li kien jingħad li sar fl-1957 mat-twaqqif tal-Banda, u li kien inħadem minn soru mill-Kunvent tal-Qalb ta' Ġesu fiż-Żejtun. Jien personali minn dejjem kont xi ftit xettiku dwar l-istorja tiegħu b'mod speċjali dwar kemm seta' dan l-istandard inħadem ġo kunvent! Però meta madwar erba' snin ilu kont għaddej bir-riċerka sabiex nikteb il-ktieb "Nofs Seklu ta' Mixja Muzikali" fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Banda San Pietru (bil-għajnuna ta' diversi ħbieb oħra) kont sibt l-informazzjoni kollha li kienet meħtiega sabiex illum nafu l-istorja tiegħu kollha.

Il-Banda San Pietru sa mit-twaqqif tagħha mhux minn dejjem kellha standard. Irridu nifhmu li f'dak iż-żmien ir-riżorżi finanzjarji kienu limitati u għalhekk il-kumitat tas-Soċjetà li f'dak iż-żmien kien immexxi mil-President Eddie Paris, kien iktar impenjat bix-xiri ta' l-istumenti sabiex l-ewwel allievi jkunu jistgħu jirievu l-ewwel taħriġ tagħhom. Tajjeb ngħidu li wħud minn dawn l-istrumenti għadhom sal-lum miżmuma fil-każin tas-Soċjetà bħala tifkira sabiħa ta' dawk l-ewwel żminijiet tal-Għaqda. Allura nistħajjel li xi wħud jistaqsuni, "kif allura il-każin twaqqaf bla ma kellu standard?" Meta nistudjaw jew naqraw storja ta' xi għaqda, moviment jew anki partit politiku ma rridux ninsew iż-żmien partikulari li matulu tkun seħħet il-ġrajja tat-twaqqif. Irridu niftakru li l-Banda San Pietru ġiet imwaqqfa fi żmien ferm diffiċli li pajjiżna kien għaddej minnu, speċjalment minħabba l-fatt li Malta kienet għadha qed tqum mid-daqqa kbira li ħadet fit-tieni gwerra dinjija. Għalhekk m'għandniex nagħmlu l-iżball li jagħmlu ħafna u nqabblu dak iż-żmien mal-lum. Dak li llum naraw bħala norma, jew li nqisu bħala xi ħaġa żgħira, mhux l-istess jista' jingħad għal iktar minn nofs seklu ilu meta l-faqar f'pajjiżna kont tista tarah b'għajnejk u tmissu b'idejk, meta l-edukazzjoni kienet


Eddie Paris

għadha lura u meta it-tallaba kienu xi ħaġa komuni fit-toroq tagħna. Però kif igħid il-Malti "ż-żmien isajru l-bajtar", u ż-żmien iġib miegħu ħafna tibdil, li fil-każ ta' pajjiżna dan it-tibdil kien wieħed notevoli u ta' min japprezzah.

Wara xi snin li twaqqfet il-Banda diversi membri tas-Soċjetà urew ix-xewqa li l-Banda jkollha standard li jkun is-simbolu tagħha, u li jakkumpajaha kull fejn issemma' leħenha. Il-kumitat laqa' bil-qalb din ix-xewqa u għalhekk mill-ewwel beda jippjana kif se jinġabru l-fondi meħtieġa, u anki rigward l-emblema u l-materjal tiegħu. Hawn il-membri tas-Soċjeta' urew xewqa oħra, dik li dan l-istandard ma jkunx standard komuni, imma li l-ewwel standard tas-Soċjetà jkun wieħed speċjali sabiex jibqa tifkira xierqa li tibqa' titgawda mill-ġenerazzjonijiet ta' warajhom. Għalhekk huma xtaqu jagħmluh irrakkmat kollu kemm hu bil-ħajt tad-deheb. Proġett bħal dan ma kienx wieħed żgħir meta tqis li s-Soċjetà kienet għadha fil-fjur tagħha. Il-kumitat konxju mil-fatt li dan l-istandard kien se jqum somma ġmiela, iddeċieda li l-ewwel tinġieb stima tax-xogħol kollu, imbagħad issir ġabra għalih minn fost il-membri sabiex dan l-istandard ikun rigal lis-Soċjetà mill-membri tagħha stess. Sabiex tinġieb l-istima l-kumitat ħalla f'idejn Cikku Schembri (ta' Żabettu) li kien is-sagristan tal-knisja parrokkjali. L-istima għal dan l-istandard telgħet għal 73 lira sterlina, somma ġmiela għal dak iż-żmien. Għalhekk saret il-ġabra minn fost il-membri kollha fejn kull membru ta kemm seta', però din il-ġabra ma kenitx biżżejjed għax kienet tammonta għal madwar 50 lira sterlina. Għalhekk kien tfaċċa benefattur li f'dak iż-żmien kien baqa' anonimu, li kompla d-differenza sabiex jara x-xewqa tal-membri maqtugħa. Dan il-benefattur ma kien ħadd ħlief il-Kanonku Dun Rikardu Attard, li ħareġ is-somma ta' 23 lira sterlina sabiex sar dan l-istandard. Dan il-benefattur li kien ukoll wieħed mil-fundaturi tas-Soċjetà ftit snin qabel kien ta' sehmu f'iktar proġetti li saru, però dejjem baqa' anonimu.



*Kan. Dun Rikardu Attard*



*Il-Krucetta tal-Istandard*

Meta ġew sabiex jagħżlu il-kulur tal-istandard ġie deċiż li dan għandu jkun aħmar li jissimbolizza l-martirju ta' San Pietru, u mhux il-kulur abjad li tuża l-parroċċa li jissimboliza l-primat tal-qaddis. B'hekk nistgħu ngħidu li minn dan l-istandard is-Soċjetà addottat il-kulur tagħha. L-emblema li naraw fuq dan l-istandard turi salib bil-maqlub li jirrapreżenta l-mewta dolorużа li għadda minnha dan il-qaddis, imbagħad naraw il-palm li huma s-simbolu tal-martri, u sett imfietaħ li jirrapreżentaw lil San Pietru bħala l-ewwel kap viżibli tal-Knisja Kattolika. Naraw ukoll żewġ instrizzjonijiet li fuqhom hemm irrakmat '*Saint Peter Band – Birzebbugia*'. Ix-xogħol delikat tar-rakkmu bil-ħajt tad-deheb inħadem kollu minn Elena Pezzuto mil-Ħamrun li f'dak iż-żmien kienet magħrufa għax-xogħol fuq dawn it-tip ta' standardi għall-każini tal-baned. Ta' dan ix-xogħol is-sinjura Pezzuto nhar is-16 ta' Mejju tal-1960 kienet tħallset is-somma ta' 53 lira sterlina. Il-preġju ta' dan l-istandard, apparti x-xogħol tar-rakkmu li hu kollu maħdum bl-idejn, nistgħu napprezzawh ukoll fil-kruċetta tal-fidda, li din inħadmet għand id-ditta F. Cassar & Sons ta' Bormla, l-istess post fejn tliet snin wara nħadem t-tabernaklu tal-artal maġġur fil-knisja parrokkjali. Din il-kruċetta għandha għamla ta' salib bi tliet dirgħajn li tissimbolizza l-bażilika tal-Vatikan. Dan ix-xogħol ferm sabiħ sewa is-somma ta'

*ikompli f'paġna 54 >*

< *ikompli minn paġna 51*

13-il lira sterlina. Spejjeż oħra marbuta ma' dan l-istandard kienu d-diżinn ta' l-emblema li swiet erba' liri sterlini, u s-satin aħmar li sewa tliet liri sterlini.


*L-Isqof Emmanuel Galea ibierek l-Istandard*

B'hekk l-istandard kien lest u għalhekk il-membri tas-Soċjetà kienu ħerqana jistennew il-ġranet sajfin li ta' kull sena jġibu magħhom il-festa titulari sabiex b'hekk iżanżnu dan l-istandard, u fuq kollox jirregalawh lis-Soċjetà li tant kienu jħobbu. Għal dan il-għan huma ħasbu sabiex l-inawgurazzjoni tiegħu issir b'mod dinjituż kif kien xieraq, sabiex anke din l-okkażjoni tibqa' tifkira sabiħa minquxa fl-istorja bikrijja tas-Soċjetà. Għalhekk il-kumitat f'isem il-membri tas-Soċjetà wera ix-xewqa mal-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Minuti sabiex għal din l-okkażżjoni jiġi mistieden l-Isqof Emmanuel Galea sabiex ibierek dan l-istandard. Tajjeb li ngħidu l-kappillan Minuti kellu ħbiberija speċjali ma' dan l-Isqof minħabba l-fatt li bejn l-1942 u l-1949 dan l-Isqof kien ħatar lil Dun Gużepp Minuti bħala kappillan personali tiegħu. Allura nistgħu ngħidu li dan l-Isqof kellu għal qalbu ħafna lil Birżebbuġa fejn naraw li għal diversi drabi ġie jmexxi l-pontifikal tal-festa ta' San Pietru. L-Isqof aċċetta bil-qalb l-istedina li għamillu il-kappillan f'isem il-parroċċa kollha (peress li f'dak iż-żmien il-Banda San Pietru kienet l-unika Banda fir-raħal). Għalhekk nhar is-Sibt 6 ta' Awwissu ġie jmexxi it-tranżulazzjoni u l-funzjoni ta' lejlet il-festa. Hekk kif intemmet il-funzjoni fil-knisja parrokkjali, l-Banda San Pietru bdiet marċ li f'dak iż-żmien kien magħruf bħala "il-Venezjan" minn quddiem il-każin fix-Xatt tal-Bajja s-Sabiħa sal-pjazza tal-knisja parrokkjali fejn tul it-triq kollha l-kumitat flimkien mal-Kanonku Dun Rikardu Attard imxew quddiem il-Banda wara l-istandard. Hekk kif il-Banda telgħet fuq iz-zuntier sabet jistenniha l-Isqof Emmanuel Galea b'dik it-tbissima ħelwa tiegħu, li kien akkumpanjat mil-kappillan Dun Ġużepp Minuti. Wara l-Isqof qal talb skont ir-ritwal Ruman u bierek l-istandard quddiem folla kbira li dakinhar ħonqot kull rokna taz-zuntier, u li issa dehret kuntenta biċ-ċapċip kbir tagħha. Waqt it-tberik maġemb il-kappillan kien hemm il-Kanonku Dun Rikardu Attard li bla dubju ta' xejn kien kuntent li jara l-parruċċani kollha ferħanin b'din l-opra tant sabiħa. Wara l-Banda San Pietru kompliet il-marċ tul it-toroq tal-parroċċa sax-Xatt tal-Bajja s-Sabiha (quddiem fejn illum hemm l-għassa tal-pulizija) fejn minn hemm esegwiet il-programm mużikali anwali tagħha minn fuq il-planċier li kien armat.


*Marċ ix-Xatt bl-Istandard*

B'hekk nistgħu ngħidu li ntemmet ġrajja li seħħet sewwa sew ħamsin sena ilu, però ġrajja li tibqa' għal dejjem minquxa b'ittri kbar fl-istorja tas-Soċjetà. Tul is-snin dan l-istandard għadda minn stejjer

sħaħ sabiex illum jinsab miżmum b'għożża kbira fil-vetrina tiegħu fis-sala tal-kumitat. Ftit xhur wara l-festa tal-1960 kienet inħadmet vetrina sabiex fiha jinżamm esebit l-istandard, bil-għan li jiġi priservat u fl-istess ħin gawdut mil-membri tul is-sena kollha. Din l-istess vetrina għadha sal-lum iżżomm dan l-istandard. Dan l-istandard narawh f'diversi ritratti qodma ta' servizzi mużikali li l-Banda San Pietru għamlet, u anke narawh f'diversi ritratti ta' kumitati u bandisti ġodda. Baqa' jintuża sal-1986 meta l-kumitat ta' dik is-sena iddeċieda li jinħadem standard ġdid. B'hekk dan l-istandard ma baqax jiġi użat u wara xi snin xi ħadd (b'intenzjoni tajba) iddeċieda li jitfgħu ġo '*washing machine*' biex jaħslu, però r-riżultat kien ferm 'il bogħod mill-intenzjoni oriġinali, peress li s-satin tiegħu kien qadim, dan l-istandard ħareġ minn ġol-magna tal-ħasil imqatta', għalkemm ir-rakkmu tiegħu nistgħu ngħidu li kważi ma ġralu xejn. B'hekk konxji mil-fatt li l-ħsara ma kenetx waħda żgħira dan l-istandard reġa' ġie mqiegħed fil-vetrina tiegħu bil-għan li meta jkun il-waqt jiġi rrestawrat għall-istat oriġinali tiegħu. Fl-1995, fuq l-inizjattiva ta' Martin Żammit u Alexander Caruana dan l-istandard ġie rrestawrat, fejn fost l-oħrajn kien sar it-trasport tar-rakkmu fuq satin ġdid sabiex b'hekk dan l-istandard reġa' ngħata d-dehra li kellu meta sar. Barra minnhekk inħadmet kukkarda bl-annijiet 1957-1995, is-sena ta' meta sar u meta ġie irrestawrat, minħabba li sa dak iż-żmien kien għadu jingħad li dan l-istandard sar fl-1957 u mhux tliet snin wara! Reġa' ħareġ għal darb'oħra fil-pubbliku lejlet il-festa titulari nhar is-Sibt 5 ta' Awwissu tal-1995 waqt il-programm mużikali, fejn dakinhar it-tmexxija tal-Banda għaddiet f'idejn Mro. Vincent Bonniċi li għadu jokkupa din kariga sal-lum. Minn dakinhar sal-lum dan l-istandard beda joħroġ kull sena waqt il-marċ magħruf bħala "tal-istandardi" li jsir qabel il-programm mużikali annwali li l-Banda tas-Soċjetà tippreżenta minn fuq il-planċier.

Minkejja li llum m'għadnix nifrekwenta l-każin bħal meta kont iżgħar, però kull darba li nidħol fis-sala tal-kumitat u nilmaħ dan l-istandard fil-vetrina tiegħu għal mument nieqaf inħares lejh u naprezzah, għax apparti li hu tifkira ħajja ta' l-ewwel snin tas-Soċjetà, però nħosni kuntent li l-mistoqsijiet kollha li kelli dwar l-oriġini tiegħu llum huma ċari u nistgħu ngħidu li f'idejna għandna l-istorja kollha tiegħu. J'Alla li din it-tifkira sabiħa li writna mingħand missirijietna tibqa' tiġi gawduta u apprezzata tul is-snin mill-ġenerazzjonijiet preżenti u dawk futuri, tifkira ħajja tal-għożża li l-ewwel membri kellhom lejn din l-ewwel Soċjetà u skola mużikali fir-raħal.




*L-istandard bir-rakkmu tal-ħajt tad-deheb*